# Il-Fratellanza tar-Rużarju – 400 sena mit-twaqqif tagħha

Kitba ta' Charles Galea-Scannura

Id-devozzjoni lejn ir-Rużarju taf il-bidu tagħha sa mis-Seklu Tnax u kien l-Ordni Dumnikan li ħadem biex ixerridha. Kien il-Papa Gregorju XIII li mbagħad waqqaf il-festa tar-Rużarju fis-7 ta' Ottubru bħala tifkira tar-rebħa ta' l-Insara fil-battalja ta' Lepanto fl-1571. F'dil-battalja kienu ħadu sehem ukoll ix-xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann li dak iż-żmien kien jaħkem fuq il-gżejjer Maltin.

F'pajjiżna kien hawn ukoll il-patrijiet Dumnikani li bla dubju bdew ixerrdu d-devozzjoni tar-Rużarju. L-ewwel kappillan ta' Bormla, Dun Mikiel Cap, kien għamel talba biex titwaqqaf il-Konfraternità tar-Rużarju f'Bormla u b'hekk aktar tixtered id-devozzjoni lejn il-Madonna. Fis-17 ta' April, 1602, il-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan, bagħat il-bolla ta' l-erezzjoni tal-Fratellanza fil-parroċċa ta' Bormla.

Il-ftehim *Erectio Ssmi Rosarii in ven. Ecclesia parochiali Burmule, sub titolo Sancte Mariæ del Soccorso* sar għand in-Nutar Salvatore Ciantar. Fid-19 ta' Settembru, 1602, il-kappillan u r-rettur Benedetto Rosso, li kien ukoll prokuratur tal-knisja, wegħdu lill-Vigarju Provinċjali tad-Dumnikani f'Malta, Patri Bernardino Talavera, li kienu qed jaċċettaw il-kundizzjonijiet kollha tal-bolla. Wegħdu li jwaqqfu altar tar-Rużarju fil-parroċċa u li jagħmlu kwadru li jirrappreżenta l-misteri tar-Rużarju. Ftehmu li jibdew jiċċelebraw il-festa bil-kant tal-Għasar fil-viġilja u bil-Quddiesa u l-Għasar nhar il-festa f'Ottubru. Bdew ifakkru wkoll il-festi tat-twelid tal-Madonna (il-Bambina), tal-Kandlora, tal-Lunzjata u ta' l-Assunzjoni. Kull l-Ewwel Ħadd tax-Xahar il-Fratellanza kienet tagħmel purċissjoni devozzjonali. Il-fratelli kienu jħabirku għall-għaqda fosthom u jitolbu għall-mejtin.

Meta ftehmu dwar it-twaqqif tal-Fratellanza, kienu wegħdu li jekk id-Dumnikani xi darba jifthu kunvent f'Bormla, il-propjetà tal-Fratellanza kellha taqa' f'idejhom. Dan tista' tgħid kien bażat fuq l-ordinazzjonijiet tal-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan tal-1592. L-istatut kien imfassal fuq tal-Konfraternità tar-Rużarju mwaqqfa fil-knisja ta' Santa Marija ta' Minerva, Ruma.

Sa l-1615, kienet diġa' nbniet kappella fuq ix-xellug ta' l-altar maġġur fil-parroċċa. Kellha wkoll altar u l-kwadru juri l-ħmistax-il misteru tar-Rużarju. Deskrizzjoni tal-1680 tindika li fil-parti ċentrali kien hemm il-Madonna bil-Bambin u San Duminku u Santa Katarina kull naħa. L-altar kellu żewġ tarġiet u skannell u żewġ kolonni fil-ġnub. Fuq nett fil-korniċe kien hemm immaġni żgħira tal-Koronazzjoni tal-Madonna. Fl-1686 hu rrappurtat li l-Madonna u l-Bambin kellhom il-kuruni fuq rashom. Jidher li madwar l-1722 il-kappella reġgħet tkabbret.

Il-Fratellanza tar-Rużarju ħadmet biex ixxerred id-devozzjoni tar-Rużarju fost il-familji Bormliżi u l-baħħara li kienu jaħdmu fl-inħawi. Għall-purċissjoni kellha l-istendard, surġentini, salib u lanterni. Il-fratelli kellhom il-kunfratiji u r-Rettur kien jilbes midalja turi l-Madonna bil-Bambin. Bdiet tikseb legati ta' talb u quddies b'tifkira ta' xi festi u b'suffraġju ta' l-erwieħ. Diversi rapporti ta' Viżti Pastorali jindikaw li l-għadd ta' fratelli beda jikber.



Il-festa tar-Rużarju bdiet issir fl-Ewwel Ħadd ta' Ottubru u kienet tiġbed għadd ta' devoti warajha. Fl-1686, hu rrappurtat li l-Fratellanza kien diġà kellha statwa tal-Kunċizzjoni li kienet tinżamm f'niċċa fil-lemin tal-kappella antika ta' San Rokku. Dil-kappella tneħħiet wara li kienet ġiet imkabbra u ristrutturata l-knisja. Inventarju ta' żmien Dun Diegu Ciantar, ukoll isemmi statwa tal-Madonna tar-Rużarju, sottokwadru ta' San Franġisk u soprakwadru tal-Madonna tad-Dawl. Il-kwadru li hemm illum hu attribwit lil Ġan Nikola Buhagiar.

Biex ikomplu ixerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna, dwar l-1634 kienet twaqqfet Kongregazzjoni Marjana fil-kappella tar-Rużarju. Għal xi żmien din kien jieħu ħsiebha patri Ġiżwita. Tard fis-Seklu Sbatax il-Fratellanza bdiet ukoll tagħmel purċissjoni f'Mejju u tqassam il-kuruni tar-Rużarju. Barra dan biex ikomplu jkabbru l-festa ta' barra, fl-1642, wara li saret talba lill-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar, bdew jorganizzaw korsa jew regatta tad-dgħajjes fid-daħla tal-Galeri.

Fl-1828, l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi ħadem fl-injam statwa sabiħa tal-Madonna wieqfa bil-Bambin f'idejha. Maż-żmien din ġiet restawrata u ridekorata. Fis-Seklu Dsatax, il-Fratellanza kienet fl-aqwa tagħha u għall-festa kienu jżejnu l-knisja u t-toroq u jġibu l-baned ma' dik ta' Bormla.

Il-Fratellanza baqgħet tieħu ħsieb il-kappella tagħha, imżejna bit-tapizzerija għall-okkażjoni u b'altar armat b'kandlieri, fjuretti u ħwejjeġ oħra. Il-familji Bormliżi kienu jiġu mħeġġa' jgħidu r-Rużarju flimkien. Kienu jinġabru fit-toroq jgħidu r-Rużarju u fil-purċissjoni ta' Ottubru serbut nies kien jimxi wara l-istatwa b'devozzjoni. Hekk baqa' jsir għal bosta snin.

Gerrbu s-snin u għaddew erba' mitt sena mit-twaqqif tal-Fratellanza. Il-Bormliżi jistgħu jħarsu lura biex jaraw il-wirt li ħallew missirijietna. Tajjeb li waqt li jiġi mfakkar ir-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-Fratellanza, il-Bormliżi jinġabru biex jagħtu ħajja ġdida lill-Fratellanza u jġeddu l-wegħdiet ta' l-ewwel fratelli ħalli tinżamm ħajja d-devozzjoni tar-Rużarju u jissoktaw iżommu s-sliem u l-għaqda bħala komunità nisranija.


